ŻEBBUĠ

**<u>MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN</u> Nru. 41/2013**
***Kienet addottata Aġenda nru. 36/2013***

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: L-Erbgħa, 26 ta' Ġunju 2013**

**Ħin: Fil-5.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson**
- **Is-Sur Emmanuel Debono – Viċi Chairperson**
- **Is-Sur Victor Refalo – Membru**
- **Is-Sur George Sacco – Membru**
- **Is-Sur Joseph Zammit – Membru**
- **Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba – *Ex Officio***
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Ippresjediet il-laqgħa ċ-Chairperson is-Sinjura Marija Saliba.

## 1. <u>TALBA</u>

Intqalet talba miċ-Chairperson u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. <u>APPROVAZZJONI TAL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 40/2013</u>

Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 40/2013 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Iċ-Chairperson talbet għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Iċ-Chairperson talbet għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentata u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 40/2013

Ma tqajjmux punti mill-Minuti bin-nru. 40/2013.

Iċ-Chairperson issospendiet l-Aġenda biex indirizzaw lill-Kamra diversi persuni dwar l-egħluq għat-traffiku ta' Triq il-Port u l-ħruġ ta' permessi.

Is-Seduta tkompliet fis-6.45pm.

Il-Kumitat approva dawn ix-xogħlijiet:

(i) it-tiswija u t-tqegħid tal-passaġġ tal-injam fuq il-bajja. Il-Viċi Chairperson qal importanti li l-injam li jintuża jkun *marine* (stima ta' Gam Gam Services €590).
(ii) il-qtugħ tal-ħaxix u t-tindif mir-*railing* il-barra, fuq ir-riħ tal-Otters fi Triq Santa Marija (stima ta' Gam Gam Services €236).
(iii) il-qtugħ tal-ħaxix u t-tindif taħt il-*promenade* ta' Għar Qawqla (ix-xogħol isir minn Gam Gam Services).
(iv) isir sinjal li juri l-proġett ta' pavimentar fi Triq il-Qbajjar u Triq il-Munġbell hu proġett tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn.

## 4. KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:

Stima tal-Perit biex titranġa l-bankina tal-*promenade* ta' Marsalforn. Kien miftiehem li jinġab għall-attenzjoni tal-Ministeru għal Għawdex id-diżlivell li hemm fil-bankina wara li nqalgħu l-bankijiet u l-periklu li hemm.

Ittra mibgħuta mid-Dipartiment tal-Artijiet dwar applikazzjoni ta' Kenneth Cutajar għal tqegħid ta' imwejjed u siġġijiet quddiem l-istabbiliment Kyra's Inn. Ma kienx hemm oġġezzjonijiet għall-applikazzjoni ta' Cutajar.

**Applikazzjonijiet għall-permess tal-Kunsill Lokali**

**Deċiżjoni meħuda mill-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn**

| | | |
|---|---|---|
| (i) | Michael Meilaq<br>Applikazzjonijiet għal provvista temporanja tal-elettriku fil-Bajja ta' Għar Qawqla mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru 2013. | Ma kienx hemm oġġezzjonijiet. |
| (ii) | Ministeru tal-Familja u Solidarjeta' Soċjali .<br>Diskussjoni pubblika fil-Menqa nhar is-26 ta' Lulju 2013. | Approvata. |
| (iii) | Piu Trenta Nove<br>Applikazzjonijiet għal tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet f' dawn il-ġranet:<br>30 ta' Ġunju '13<br>5,6,7,12,13,14,19,20,21,26,27,28 ta' Lulju '13<br>2,3,4,9,10,11,14,15,16,17,18,23,24,25,30,31 ta' Awwissu 2013<br>1,6,7,8 ta' Settembru 2013. | Approvati (quddiem Piu Trenta Nove, taħt il-bankina fit-triq) |
| (iv) | Glass Box Bar<br>Applikazzjonijiet għal tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet f' dawn il-ġranet:<br>30 ta' Ġunju '13<br>3,10,17,24,31 ta' Lulju '13<br>7,14,28 ta' Awwissu '13 | Approvati (quddiem Glass Box Bar). |
| | Attivita' – Band quddiem Glass Box Bar nhar it-30 ta' Ġunju, it-3,10,17,24 & 31 ta' Lulju u s-7,14 & 28 ta' Awwissu '13. | Approvati. |
| (v) | Mario Cardona<br>Attivita' – Band il-Ponta ta' Santa Marija nhar is-7 ta' Lulju '13. | Approvata. |
| (vi) | Knisja San Pawl Marsalforn<br>Purċissjoni tal-Kwaranturi fit-toroq ta' Marsalforn nhar it-18 ta' Awwissu '13. | Ma kienx hemm oġġezzjonijiet. |

Ittra mibgħuta mir-Rettur tal-Knisja ta' San Pawl dwar it-tiswija tar-rampa taz-zuntier tal-Knisja. Deċiżjoni ser tittieħed f' seduta oħra.

Ċirkulari mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn il-Kunsill Lokali ntalab jipproponi żoni fejn jista' jsir tħawwil ta' siġar.

Ittra tal-Av. Mampalao għan-nom tas-Sinj. Homoki dwar il-permess biex tarma *bouncy castle* fil-Menqa. Meta kienet ser tinqara l-ittra, Refalo rtira mill-kamra tal-laqgħat.
Il-Kumitat qabel li l-ittra tkun imwieġba mill-Av. Scerri u l-applikazzjonijiet għal provvista temporanja tal-elettriku jkunu ffirmata.

Is-Sindku għarraf lill-Kamra li f' laqgħa li kellu mas-Supritendent infurmah li l-logħob tan-nar taż-Żebbuġ u bnadi oħra kien se jidħol fil-Bajja tal-Qbajjar. Qal infurmat li l-Viċi Sindku tal-Qala ta direzzjonijiet lill-Kummissarju tal-Pulizija biex in-nar ta' dawn in-naħat jinħatt fil-Bajja tal-Qbajjar u dan mingħajr ma saret konsultazzjoni mal-Kunsill. Is-Sindku qal hu ma jaqbilx li l-logħob tan-nar jidħol il-Qbajjar. Miegħu ngħaqad il-Kumitat kollu. Gie deċiż li tintbagħat ittra ta' protest lill-Kummissarju tal-Pulizija u tkun ikkuppjata lill-Prim Ministru, il-Ministru tal-Intern u l-Ministru għal Għawdex.

## 5. BUDGET 2013

Is-Segretarja Eżekuttiva qassmet lill-membri tal-Kumitat kopja tal-estimi annwali għas-sena 2013 tal-Kunsill Lokali iż-Żebbuġ.

Peress li kien għamel il-ħin, l-estimi ma kienux diskussa fid-dettall.

Il-Viċi Chairperson u s-Sur Refalo rtiraw mill-kamra tal-laqgħat.

## 6. ĠBIR TA' SKART DOMESTIKU – SAJF 2013

Il-Kumitat qabel li mill-1 ta' Lulju, l-iskart domestiku mħallat jibda jinġabar kuljum mit-Tnejn sal-Ħadd. L-iskart riċiklabbli jibqa' jinġabar kull nhar ta' Tlieta u l-ġabra ssir fil-11.00 ta' filgħodu. Gie deċiż li jinħareġ avviż lir-residenti u dan jitqassam bil-posta.

Dwar l-egħluq tal-Menqa u parti minn Triq il-Port (minn Ekxa Kiosk lejn il-Menqa), ġie deċiż li t-triq għandha tinfetaħ għat-traffiku f' nofsillejl kif twaħħlu t-tabelli.

## 7. ILMENTI U SUĠĠERIMENTI

Ilment KAM 16/2013 – Gary Doyle
Talab biex isir xi tip ta' *traffic calming* f' Misrah M' Anġ Refalo.

Ilment KAM 17/2013 – Chairperson is-Sinjura Marija Saliba

Talbet biex issir it-tiswija tan-*notice board* ta’ Marsalforn. Il-Kumitat approva t-tiswija tan-*notice board*; jagħmel ix-xogħol Raphael Refalo.

Ilment KAM 19/2013 – is-Sindku s-Sur Nicky Saliba
Għandu talba biex titwaħħal lampa ġdida fi Triq il-Wied fl-inħawi ta’ Jessica’s Delights. It-talba kienet approvata.

Ilment KAM 20/2013 – Raphael Axiaq
Ilmenta dwar il-fatt li parti minn Triq il-Qbajjar saret *one-way*.

Ilment KAM 21/2013 – Frances Portelli
Tiswija ta’ bankina quddiem ir-residenza Shell Court, Triq Manwel Magro. Xogħol approvat mill-Kumitat; isir mill-ħaddiem tal-Kunsill.

Ilment KAM 22/2013 – is-Sindku s-Sur Nicky Saliba
Jitranġa l-pavimentar tal-*belvedere* ta’ Triq il-Wied. Kien miftiehem li ssir *site visit.*

Ilment KAM 23/2013 – Carl Cardona
Talab biex jinkesa bil-konkos passaġġ maġenb l-appartamenti Yellow Hill fi Triq il-Qbajjar. Intqal li l-passaġġ hu privat.

Ilment KAM 24/2013 – Jan Cullen
Jitpoġġa *skip on wheels* ieħor faċċata ta’ Jumbo Supermarket. It-talba kienet rifjutata.

Ilment KAM 25/2013 – Manuel Sultana
Ġibed l-attenzjoni fil-laqgħat tal-Kumitat, tlett membri tal-Kumitat għandhom jiddikjaraw kunflitt ta’ interess meta jkunu diskussi applikazzjonijiet għall-imwejjed u siġġijiet.

Is-Segretarja Eżekuttiva għarrfet lill-Kamra bl-ilmenti li rċeviet dwar l-egħluq għat-traffiku ta’ Triq il-Port. Saret diskussjoni fit-tul dwar dawn l-ilmenti.

## 8. MATERJA OĦRA

Ma kienx hemm materja oħra.

## 9. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fid-9.15 ta’ filgħaxija u l-Kumitat Amministrattiv aġġorna *sine die.*

**Marija Saliba**
***Chairperson***

**Diane Tagliaferro**
***Segretarja Eżekuttiva***